# il-Gżejjer

IS-SITT SENA · DIĊEMBRU 1977 · NRU. 76

# Il-Milied it-Tajjeb



*L-Istampa ta' hawn turi dettal minn waħda mill-bolli tal-Milied ta' din is-sena.*

*Il-Bolli, li huma sett ta' tlieta, juru figuri mill-Presepju li jinsab għal wiri fil-Kunvent tal-Karmelitani Skalzi ġewwa Bormla.*

*Id-devozzjoni lejn il-Presepju tal-Milied hi antika ħafna. F'Malta u Għawdex il-Presepju minn dejjem kien popolari.*

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA LIBRARY

# IŻ-ŻJARA TAD-DELEGAZZJONI MALTIJA FIĊ-ĊINA U L-MALASJA



*Il-Prim Ministru Dom Mintoff flimkien maċ-Chairman u Prim Ministru Hua Kuo-Feng, id-deputat Prim Ministru Li Hsien-Nien u d-delegazzjonijiet rispettivi taċ-Cina u Malta.*

**DELEGAZZJONI MALTIJA mmexxija mill-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff żaret ir-Repubblika Popolari Ċiniża bejn it-3 u t-8 ta' Novembru; u r-Renju tal-Malasja bejn id-9 u l-10 ta' l-istess xahar, Minn l-Istqarrija li saret mill-Prim Ministru fil-Kamra tad-Deputati fl-14 ta' Novembru, wieħed jista' jara X-XOGĦOL KBIR U SIEWI li wettqet din id-Delegazzjoni lejn il-poplu Malti:**

Fi triqitha lejn iċ-Ċina d-Delegazzjoni Maltija waqfet Ruma u Karaċi, u fi triqitha lura lejn Malta, waqfet Honk Kong, Singapore, Bahrejn u Ruma.

F'Ruma l-Prim Ministru kellu taħdidiet ma' rappreżentanti tat-tlett partiti Taljani: Demokristjani, Komunisti u Soċjalisti, dwar il-problemi tal-Mediterran u l-qagħda ta' Malta meta tispiċċa l-bażi Ingliża.

F'Karaċi, id-Delegazzjoni ġiet milqugħa mill-ogħla Awtoritajiet Reġjonali ta' dik il-Belt. Id-delegazzjoni Maltija ħadet l-opportunità biex tagħmel taħdidiet għall-koperazzjoni ekonomika bejn Malta u l-Pakistan u bejn Malta u l-Provinċja ta' Sind.

Fiċ-Ċina, d-delegazzjoni Maltija ġiet mogħtija merħba uffiċjali mill-akbar. Fl-ajruport kien hemm jilqgħu lill-Maltin, il-mexxej ġdid tal-pajjiż, Chairman u Prim Ministru Hua Kuo-Feng u d-deputat Prim. Ministru Li Hsien-Nien.

Ftit wara, sar l-"Official Banquet" fil-Great Hall of the People ġewwa Peking b'unur lil Malta u lid-Delegazzjoni Maltija. Hawn għamel diskors uffiċjali d-deputat Prim Ministru Li Hsien Nien. Wara għamel diskors bi tweġiba l-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff.

It-taħditiet li saru l-għada u l-pitgħada mal-mexxejja tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina kienu maqsumin f'erbgħa:

(a) is-sitwazzjoni fid-dinja.
(b) dik fil-Mediterran u fl-Asja tal-Lvant.
(ċ) dik ġdida fiċ-Ċina u
(d) ir-relazzjonijiet ekonomiċi u politiċi bejn Malta u ċ-Ċina.

L-1976 kienet għaċ-Ċina sena ta' għawġ u ħsarat kbar. Fl-1977 il-Poplu Ċiniż reġa' beda jieħu r-ruħ u bl-għaraq ta' ġbinu u b'xogħol iebes qabad it-triq biex ikun jista' jsir wieħed mill-popli l-aktar industrijalizzati u b'saħħithom fid-dinja.

**Minkejja t-telf li sofriet, ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wegħdet li mhux biss tkompli twettaq dawk il-proġetti f'Malta li nbdew taħt il-ftehim ta' l-1972, iżda wkoll li ma' dawn id-daħħal żewġ proġetti ġodda. Dawn il-proġetti huma għat-twaqqif ta' żewġ fabbriki oħra, waħda għal "standard parts" (bolts and nuts) u l-oħra għal "welding electrodes".**

**Aċċettaw ukoll l-inkarigu li bi spejjeż mill-inqas għal Malta ilestulna d-disinji bid-dettalji kollha tal-"breakwater" il-ġdid fil-Port ta' Marsaxlokk u jaraw li dan il-"breakwater" iseħħ minn ħaddiema Maltin taħt it-tmexxija ta' esperti Ċiniżi.**

Il-mexxejja kollha tal-poplu Ċiniż kienu ferħana bil-politika tan-newtralità bejn iż-żewġ super potenzi, ir-Russja u l-Amerika, li mexa biha s'issa l-poplu Malti. Il-Poplu Ċiniż jagħti appoġġ lil Malta u lill-ġirien kollha tagħha fil-ħidma kbira u iebsa għat-twaqqif ta' Mediterran ħieles mix-xkiel taż-żewġ super potenzi.

Il-poplu Malti żgur li jiżżiħajr lill-mexxejja u lill-poplu Ċiniż għal din ix-xhieda oħra ta' rieda tajba u ħbiberija.

## FIL-MALASJA

Fi triqitha lejn il-Malasja d-delegazzjoni Maltija waqfet Hong Kong. Hawnhekk iltaqgħet mal-Gvernatur u rat kif qed jiżviluppa Hong Kong bħala l-bieb tal-kummerċ bejn iċ-Ċina u l-partijiet l-oħra tad-dinja. **Kellha wkoll taħditiet ma' industrijalisti dwar il-possibiltà ta' xi proġetti f'Malta.** Fil-Malasja d-delegazzjoni Maltija kellha laqgħa tajba ħafna. Sabet ukoll ħafna xogħol lest minn naħa tal-Ministeru Ekonomiku ta' dan il-pajjiż. Dan il-Ministeru jaqa' direttament taħt il-Prim Ministru u kien diġa' mogħti rapport dwar it-taħdita li kellu s-Sur Mintoff mal-Prim Ministru tal-Malasja f'Londra f'Mejju li għadda waqt il-Konferenza tal-Prim Ministri tal-Commonwealth.

L-istħarriġ dwar il-mod u t-triqat li għandna nieħdu biex tibda l-koperazzjoni ekonomika bejn iż-żewġ naħat kien diġa' sar miż-żewġ naħat qabel ma d-delegazzjoni Maltija waslet Kuala Lumpur. Għalhekk kienet ħaġa possibbli li f'inqas minn jumejn jintlaħaq ftehim li jidher fil-"Joint Communique" li ħareġ wara.

**Fl-ewwel parti tas-sena d-dieħla ser tiġi Malta delegazzjoni mill-Malasja biex flimkien jintlaħaq ftehim dwar proġetti bejn Malta u dak il-pajjiż ħalli nibdew inwettqu b'mod konkret din il-koperazzjoni ekonomika li hija diġa' mfassla fil-komunikat maħruġ fi Kuala Lumpur.**

L-ospitalità u l-unur li ngħatat Malta fil-Malasja — għalkemm ir-relazzjonijiet diplomatiċi li kellna sa issa kienu mill-inqas — kienu sbieħ u jqawwulna qalbna għall-koperazzjoni tal-ġejjieni. Id-delegazzjoni Maltija ġiet ukoll milqugħa uffiċjalment mir-Re li ħa nteress personali fix-xogħol li kien qed jitfassal għall-ġid taż-żewġ pajjiżi. Minn naħa tal-Prim Ministru tal-Malasja kien hemm determinazzjoni sħiħa u serjetà.

Fi triqitha lura lejn Malta d-delegazzjoni Maltija waqfet f'Singapore u ġiet milqugħa mill-"Minister of State for Defence" u kellha l-okkażjoni tipparaguna l-qagħda taż-żewġ pajjiżi. **Xi industrijalisti minn Singapore marru l-ajruport u flimkien raw x'jistgħu jagħmlu f'Malta għas-swieq ta' madwarha.**

Aktar tard id-delegazzjoni Maltija waqfet f'Bahrein fejn ġiet milqugħa mill-"Minister of Communications" ta' dan il-pajjiż ħabib ta' Malta. **Ma' dawn ġew diskussi l-iżviluppi ġodda li qed isiru fil-pajjiżi Għarab dwar "Satellite Communications".**

F'Ruma d-delegazzjoni kellha tieqaf għal ftit siegħat qabel ma qabdet il-linja ta' l-ajru għal Malta. Anki f'Ruma d-delegazzjoni Maltija kellha taħditiet, din id-darba mal-mexxejja tat-tliet partiti politiċi Taljani li fost oħrajn qegħdin iħaddnu l-politika ta' Malta ta' newtralità bejn iż-żewġ Super-potenzi fil-Mediterran. Ma' dawn ġew miftehma l-passi l-ġodda li għandhom jittieħdu biex din il-politika tkompli tissaħħaħ.

Il-Prim Ministru s-Sur Mintoff spiċċa l-istqarrija tiegħu billi rringrazzja lil sħabu, l-membri l-oħra tad-delegazzjoni, għax-xogħol iebes li sar għall-ġid tal-poplu Malti fi żmien hekk qasir u f'ċirkostanzi li kienu jċaħħduhom minn mistrieħ biżżejjed.



*Il-Prim Ministru Dom Mintoff meta kien il-Malasja kellu laqgħa mall-Prim Ministru Datuk Hussein Onn fl-uffiċju tiegħu fi Kuala Lumpur.*

# IL-MILIED

L-istaġun tal-festi reġa' wasal għal darb'oħra. It-toroq sbieħ u kollha dwal jiġbdu l-kulħadd lejhom. Il-vetrini tal-ħwienet mimlija dehebijiet, rigali, ikel, ilbies sabiħ, kartolini u mijiet ta' affarijiet oħra jħalluk miblulha tħares lejhom. Iżda l-ebda dehra milli semmejt ma tgħaxxqek iktar minn dik ta' tifel ċkejken jittawwal fuq ponot subajgħ ħalli jlaħħaq mal-presepju. Naħseb li d-dehra ta' Ġesu Bambin u Ommu Marija, u ta' San Ġużepp flimkien mal-baqra u l-ħmara iħalluh imsaħħar. Xi ngħidu mbagħad għal pasturi l-oħra? Dawk il-pasturi tat-tafal b'wiċċhom imċaftar? Ir-ragħajja bin-nagħaġ tagħhom, l-anġli imdendlin mill-grotta bil-passa perla, l-għaġeb tal-presepju se jaqa' u ma jaqax ......... Dawn żgur li jħallu mpressjoni f'moħħ ta' tifel żgħir iktar mit-tlellix tad-dwal u r-rigali kollha li jara fil-ħwienet.

Nispera li fid-djar tagħkom is-siġra tal-Milied ma tieħux post il-presepju u l-ġulbiena. Il-ferħ li għandna nħossu f'qalbna għandu jkun wieħed ġenwin, ferħ li ġej mit-twelid ta' Ġesu Bambin u mhux wieħed mimli frugħa, għaliex iġibilna miegħu xalar u rigali. Kemm tkun ħaġa sabiħa li kieku ngħidu lit-tfal tagħna biex minn fost il-ħafna rigali li jaqilgħu fil-Milied, jagħżlu wieħed u jpoġġuh taħt is-siġra tal-Milied li tkun f'Bieb il-Belt. Dawn ir-rigali jmorru għal xi ħadd fqir li f'dawn il-jiem ikunu qed jistennew xi ħaġa minn għandna.

Tkun ħaġa tajba ukoll li mar-rigal niktbu xi messaġ żgħir mimli mħabba, sabiex nuru lil min jirċevih li dak ir-rigal tajnihulhom minn qalbna. Wara kollox m'hemmx sodisfazzjon akbar minn dak li tkun taf li almenu darba fis-sena ferraħna xi qalb imnikkta.

Niġu issa għal riċetta tal-Milied. Bħal ma tafu, il-'mincemeat, jiġifieri il-mili għall-mincepies', huwa għali ħafna, għalhekk tistgħu tagħmluh inthom.

## MINCEMEAT

*Għandkhom bżonn*:

4 oz. xaħam tal-kilwa (jew margarine mdewweb)
4 oz. tuffieħ maħkuk
libbra frott mqadded, mħallat
4 oz. zokkor ismar
4 oz. lewż imqaxxar
1 oz. konfettura
qoxra ta' lumija maħkuka u l-meraq tagħha
kuċċarina mixed spice
½ kuċċarina kannella
½ kuċċarina noċemuskata
4 imgħaref brandy (jew whisky jew rum)

*Metodu:*

Ħallat l-ingredjenti kollha flimkien. Poġġi f'vażetti tal-jam nixfin sewwa u għattihom tajjeb ħafna. Poġġi l-vażetti f'post xott u frisk. Jekk trid li dan il-mincemeat jibqa tajjeb tnaqqaslux minn dawn l-ingredjenti: zokkor, xaħam u xorb.

Kunu żguri li l-frott imqadded jkun xott ħafna qabel ma tħalltu. Jekk tkunun se tagħmlu l-mincemeat, lestu u aħslu il-frott imqadded (passolina, sultana ecc.) almenu 24 siegħa qabel, biex jilħaq jinxef sewwa.

## YULE LOG



*Għandkhom bżonn*:

Roly Poly taċ-ċikkulata (araw il-ħarġa t'Ottubru għar-riċetta).

12 oz. butter cream taċ-ċikkulata
weraq holly għad-dekorazzjoni.

*Il-Buttercream:* 4 oz. butir
8 oz. icing sugar
vanilla
2 imgħaref kokotina

*Metodu:*

Ħawwad il-butir tajjeb ħafna u żid l-icing sugar u l-essenza. Ħoll il-kokotina fi ftit misħun u żidu mat-taħlita.

Iksi r-roly poly bil-'buttercream'. Għaddi l-furketta ġol-'buttercream' sabiex ikun qisu zokk ta' siġra. Poġġi werqa holly fil-wiċċ u ferrex ftit icing sugar sabiex jagħti dehra tas-silġ.

# Għotja ta' Serra mill-Gvern tar-Repubblika ta' l-Awstrija

Fl-Għammieri dan l-aħħar saret ċerimonja ta' għoti ta' serra mill-Konslu Onorarju ta' l-Awstrija s-Sur J. R. Darmanin f'isem il-Gvern tar-Repubblika ta' l-Awstrija lill-Ministru ta' l-Industrija, Biedja u Sajd, is-Sur Danny Cremona f'isem il-Gvern Malti.

F'diskors ta' l-okkażjoni l-Ministru Cremona rringrazzja lill-Gvern Awstrijak ta' din l-għotja u qal li din l-għotja se tibqa' tifkira oħra għażiża tal-ħbiberija u relazzjonijiet tajba li jeżistu bejn iż-żewġ pajjiżi.

Il-Ministru tkellem dwar l-għajnuna li tat l-Awstrija lil Malta u għadda biex qal li din is-serra se tgħin biex permezz ta' provi u esperimenti t-teknika tat-tkabbir tal-prodotti tas-serer tkompli titjieb kif ukoll biex jiġu ppruvati metodi ġodda ta' tkabbir, fertilizzar, ħarsien mill-mard u mill-insetti kif ukoll varjetajiet ġodda ta' wċuħ.

"Bħalissa qed issir f'serer oħra prova ta' tmien varjetajiet ġodda ta' tadam u tlieta tal-ħjar. Minn prova li saret is-sena l-oħra fuq 14-il varjetà ta' tadam, irriżulta li varjetà minnhom kienet tajba tant li l-bdiewa ġa żergħu tadam ta' din il-varjetà," qal il-Ministru.

Huwa qal li f'din is-serra se jkollhom l-opportunità li jaħdmu u jitgħallmu mix-xogħol tagħhom l-apprendisti u fil-fatt fiha diġà bdew jaħdmu l-ewwel grupp minn dawn l-apprendisti.

"B'hekk il-ħsieb tal-Gvern li dawn iż-żgħażagħ jitħarrġu fit-teknika moderna tal-biedja billi jaħdmu u jitgħallmu beda jseħħ anke f'dan il-qasam," qal il-Ministru.

*Is-Sur P. Calamatta tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura jidher juri lill-Ministru Cremona waħda mill-pjanti mkabbra fis-Serra.*



## IL-BANK TAD-DEMM

# ID-DEMM HUWA L-ĦAJJA

**Id-demm kollu li joħroġ mill-Bank tad-Demm ta' Malta jingħata mingħajr ħlas fi fliexken tal-ħġieġ tip Baxter. Dawn il-fliexken jintużaw darba biss. Id-demm ikun proċessat u meħlus minn diversi mard speċifiku, hekk kif mitlub mir-Regolamenti Internazzjonali dwar il-Banek tad-Demm.**

**Ta' min wieħed ifakkar, illi meta wieħed jagħti d-demm dan id-demm irid l-ewwel jgħaddi minn ħafna tests sabiex ikun jista' jingħata lil xi pazjent. Dawn it-tests fil-laboratorju jieħdu żmien twil.**

**Id-Direttur tal-Bank jappella bil-qawwa lill-pubbliku ġenerali, u partikolarment lill-Kapijiet ta' ditti, dipartimenti, organizzazzjonijiet, eċċ. sabiex dawn jibgħatu immedjatament lill-impjegati tagħhom biex jgħatu d-demm; għaliex it-talba għal dan id-demm hi dejjem akbar milli jkollu maħżun l-Bank.**

**M'hemmx ħaġa eħfef milli meta inti tagħti d-demm. Tassew sempliċi u ma tħoss l-ebda uġigħ.**

**Ikun ta' sodisfazzjon kbir għalik meta tkun taf li d-demm tiegħek sejjer isalva ħajja oħra.**

**Meta tagħti d-demm, jingħatalek mingħajr ħlas il-'group' tad-demm tiegħek.**

**Id-demm hu l-ħajja. Għati r-rigal tal-ħajja! Mur l-Bank tad-Demm, Europa Centre, il-Furjana. Tel. 20130.**

# MALTA TAQLEB GHAS-SISTEMA METRIKA

## PREZZ BIL-METRU MQABBEL MA' DAK BIL-JARDA SA L-EQREB 5 MILLEŻMI

| Kull METRU per metre | Kull JARDA per yard | Kull METRU per metre | Kull JARDA per yard | Kull METRU per metre | Kull JARDA per yard |
|---|---|---|---|---|---|
| 1c | 1c | 12c | 11c | 50c | 45c5 |
| 2c | 2c | 13c | 12c | 60c | 55c |
| 3c | 2c5 | 14c | 13c | 70c | 64c |
| 4c | 3c5 | 15c | 13c5 | 80c | 73c |
| 5c | 4c5 | 16c | 14c5 | 90c | 82c5 |
| 6c | 5c5 | 17c | 15c5 | £M1 | 91c5 |
| 7c | 6c5 | 18c | 16c5 | £M2 | £M1.83c0 |
| 8c | 7c5 | 19c | 17c5 | £M3 | £M2.74c5 |
| 9c | 8c | 20c | 18c5 | £M4 | £M3.66c0 |
| 10c | 9c | 30c | 27c5 | £M5 | £M4.57c0 |
| 11c | 10c | 40c | 36c5 | | |

- Id-drapp issa qiegħed jinbiegħ bil-metru.
- Il-metru huwa bejn wieħed u ieħor, għaxra fil-mija jew 3 pulzieri itwal minn jarda.
- Ma hemmx għalfejn tixtri aktar milli teħtieġ. Tista' tixtri l-istess tul tas-soltu bl-istess prezz.
- Jekk ma tafx kemm-il metru teħtieġ ara din it-tabella.
- Qis dejjem bil-metri.

*Kumitat għall-Bidla Metrika*

SACM 10/77

1m = 100 cm = 1 000 mm

## JARDI MQABBLA MA' METRI

| JARDI Yards | METRI Metres |
|---|---|
| ¼ | 0.25 |
| ½ | 0.45 |
| ¾ | 0.70 |
| 1 | 0.90 |
| 1¼ | 1.15 |
| 1½ | 1.35 |
| 1¾ | 1.60 |
| 2 | 1.85 |
| 2¼ | 2.05 |
| 2½ | 2.30 |
| 2¾ | 2.50 |
| 3 | 2.75 |
| 3¼ | 2.95 |
| 3½ | 3.20 |
| 3¾ | 3.45 |
| 4 | 3.65 |
| 4¼ | 3.90 |
| 4½ | 4.10 |
| 4¾ | 4.35 |
| 5 | 4.55 |

## ĊENTIMETRI MQABBLA MA' PULZIERI

| ĊENTIMETRI Centimetres | PULZIERI Inches |
|---|---|
| 51 | 20 |
| 53 | 21 |
| 56 | 22 |
| 58 | 23 |
| 61 | 24 |
| 64 | 25 |
| 66 | 26 |
| 69 | 27 |
| 71 | 28 |
| 74 | 29 |
| 76 | 30 |
| 79 | 31 |
| 81 | 32 |
| 84 | 33 |
| 86 | 34 |
| 89 | 35 |
| 91 | 36 |
| 94 | 37 |
| 97 | 38 |
| 99 | 39 |
| 102 | 40 |
| 104 | 41 |
| 107 | 42 |
| 109 | 43 |
| 112 | 44 |

# Il-Ministru Cremona Fil-Konferenza tal-F.A.O.

**IL-MINISTRU ta' l-Industrija, Biedja u Sajd l-Onor. Danny Cremona, akkumpanjat mis-Sur George Carbone, Principal Technical Officer u mis-Sur Tony Debono, Segretarju Privat, nhar il-Ħamis 17 ta' Novembru mar Ruma fejn attenda għad-19-il Konferenza Ġenerali ta' l-Organizazzjoni ta' l-Ikel u Biedja (F.A.O.)**

L-Onor. Cremona indirizza lill-Konferenza u fost affarijiet oħra għamel riferenza għall-kontribut li tista' tagħti Malta f'attivitajiet ta' din l-Organizzazzjoni tal-Ġnus Magħquda (UNO), kif ukoll esprima kif Malta f'dan l-istadju hekk deċisiv ta' l-iżvilupp tagħha tistenna kull għajnuna minn din il-għajn.

Meta wasal lura Malta l-Onor. Cremona ta konferenza stampa fil-Ministeru ta' l-Industrija Biedja u Sajd. Il-Ministru qal li għad li Malta kienet ilha membru ta' din l-Organizzazzjoni sa mill-1964, kien wara l-1971 li Malta ippruvat tagħti sehem aktar attiv f'dan il-qasam meta offriet li sservi bħala membru tal-Kunsill Governattiv ta' l-Organizzazzjoni.

F'dik l-okkażżjoni Malta ma rnexxilhiex takkwista post f'dan il-kunsill peress li għar-reġjun ta' l-Ewropa kienu ġew eletti bħala membri l-Isvizzera u l-Ungerija.

Issa kien ta' sodisfazzjon kbir għall-Ministru meta ħabbar illi wara żewġ votazzjonijiet li saru fl-Assemblea Ġenerali, Malta ġiet eletta membru tal-Kunsill Governattiv bħalma ġew ukoll eletti l-Ungerija u l-Belġju, li flimkien ma' erba' pajjiżi oħra se jkunu jirrappreżentaw ir-reġjun ta' l-Ewropa.

*F'Ruma, il-Ministru kellu udjenza mal-Papa.*





*L-Onor. Danny Cremona jidher jindirizza l-Konferenza f'Ruma*

Post Malta fil-Kunsill se jkun jgħodd għal-perijodu ta' tlett snin sa Diċembru, 1980. Dan huwa unur għall-pajjiżna għaliex urejna lid-dinja kemm bis-saħħa tal-politika barranija tal-Gvern Soċjalista u r-relazzjonijiet tajba tagħha internazzjonali, Malta illum tgawdi ammirazzjoni u stima kbira għall-ħidma tagħha għal paċi u dan b'mod speċjali mill-pajjiżi tat-tielet dinja.

Bħala membru tal-Kunsill Governattiv, Malta se jkollha sehem dirett fit-twettiq tal-programm tax-Xogħol, u Infieq ta' Fondi tal-F.A.O. għal tlett snin li ġejjin. Malta se tkun f'qagħda aħjar li żżomm kuntatt aktar dirett u mill-qrib mal-pajjiżi membri tal-F.A.O. li jgħoddu 144.

Bħala pajjiż li għadu qed jiżviluppa Malta, waqt li tibqa' taħdem biex din l-Organizzazzjoni tibqa' miexja 'l quddiem għar-risq tal-poplu tad-dinja, tistenna fl-istess ħin l-għajnuna possibbli kemm teknika kif ukoll finanzjarja biex l-ekonomija tal-pajjiż titwaqqaf fuq bażi soda ta' ħtiġijiet ta' paċi bla ma jkollha qatt iżjed terġa' tiddependi minn sfruttament militari bħal qabel.

Dan kien proprju wieħed mill-għanijiet li l-Gvern tagħna f'Settembru, permezz tal-firma tal-Prim Ministru, irratifika l-ftehim mal-Ġnus Magħquda u li wassal biex issa ġie stabbilit il-Fond magħruf bħala International Fund for Agricultural Development — Fond Internazzjonali għall-Iżvilupp ta' l-Agrikoltura.

Malta se tagħmel minn kollox biex sa fejn tista' tibbenefika minn dawn il-faċilitajiet, ma tibqax lura fl-isforzi tagħha biex iġġib 'l quddiem l-iżvilupp tal-biedja f'pajjiżna fl-interess kemm tal-bdiewa kif ukoll tal-konsumaturi, b'mod ukoll li safejn hu possibbli nipproduċu aħna stess dak li llum qegħdin inġibu minn barra.

# Iż-Żjara tal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja

**Fuq stedina tal-Gvern Malti, il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, Herr Hans Dietrich Genscher, għamel żjara f'Malta bejn it-18 u d-19 ta' Novembru.**



*Mill-laqgħat li l-Ministru Genscher kellu mal-Prim Ministru Mintoff, huwa evidenti li Malta għadha tgawdi l-appoġġ sħiħ tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja.*

**Il-Ministru Ġermaniż akkumpanjat minn martu, delegazzjoni Ġermaniża u għadd ta' ġurnalisti wasal Malta fuq ajruplan Boeing 707 tal-Qawwa ta' l-Ajru Ġermaniża.**

**Il-Ministru Genscher kien milqugħ fl-ajruport ta' Ħal Luqa mid-Deputat Prim Ministru Dr J. Cassar, l-Aġent Speaker tal-Kamra tad-Deputati s-Sur J. Baldacchino, l-Ambaxxatur Ġermaniż Dr Horst Hauthal, il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur J.N. Cachia, is-Segretarju fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin u tal-Commonwealth is-Sur Maurice Abela u membri tal-Korp Diplomatiku.**

Din iż-żjara tal-Ministru Ġermaniż hija xhieda tas-solidarjetà mal-Gvern ta' Malta fil ħidma tiegħu sabiex jersqu aktar lejn xulxin il-pajjiżi Għarab u dawk Ewropej u permezz ta' politika ta' newtralità fin-"non-alignment" iwasslu għal aktar stabbilità fil-Mediterran.

Mill-laqgħat li l-Ministru Genscher kellu mal-Prim Ministru Mintoff, huwa evidenti li Malta għadha tgawdi l-appoġġ sħiħ tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Il-Ministru Genscher ħeġġeġ lil Gvern Malti ikompli bix-xogħol siewi li Malta qed twettaq bħala PONT ta' PAĊI bejn il-pajjiżi Ewropej u Għarab, u aċċertah illi l-Ġermanja tapprezza kif, kemm il-pożizzjoni ġeografika ta' Malta, kif ukoll il-ħbiberija li issa Malta rnexxielha tagħmel mal-pajjiżi Għarab u Ewropej, joffru opportunitajiet ġodda li għandhom iservu għas-sliem fil-Mediterran u għas-sigurtà ta' l-Ewropa.

Il-Maltin kollha jafu bil-passi ta' ġgant li l-Gvern Soċjalista Malti għamel mal-Ġermanja tal-Punent fil-qasam tat-TURIŻMU, tax-XOGĦOL u tal-KUMMERĊ f'dawn l-aħħar ħames snin.

Biżżejjed li wieħed isemmi li l-"exports" tagħna lil dan il-pajjiż, mix-xejn, is-sena li għaddiet laħaq għal £M21.5 miljuni. In-numru ta' turisti Ġermaniżi s-sena l-oħra tela' għal 18,000 u l-postijiet tax-xogħol fil-fabbriki Maltin-Ġermaniżi issa laħqu ma 2,500.



*Herr u Frau Genscher iltaqgħu mal-President u Ġermaniża ġew milqugħin f'Ħal Luqa mill-Ministru l-Onor. Joseph Cassar.*



*Herr u Frau Genscher iltaqgħu mal-President u s-Sinjura Buttigieg.*



*F'Kastilja Herr Genscher kellu laqgħat mal-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff, flimkien ma' Ministri u uffiċjali oħra.*

PAĠNA SPORT

# IŻ-ŻJARA F'MALTA TAL-COVENTRY CITY



*Il-Ministru Lorry Sant, jidher jindirizza lill-players u spettaturi fil-Marsa Stadium.*

Iż-żjara f'Malta tat-Tim ta' l-ewwel diviżjoni Ingliż il-Coventry City kienet milqugħa tajjeb ħafna mill-pubbliku Malti li għandu l-logħba tal-football għal qalbu.

**Din iż-żjara saret possibbli bl-inizjattiva tal-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, is-Sur Lorry Sant, li diġa wiegħed li qegħdin isiru arranġamenti biex aktar timijiet barranin jiġu jilgħabu fostna.**

Il-Coventry City faħħru ħafna it-trattament tajjeb li tawhom il-Maltin kif ukoll il-ħbiberija u l-ospitalità tagħna. Bla dubju ta' xejn dawn sejrin jagħmlulna reklam tajjeb fost il-Clubs f'pajjiżhom.

Barra mill-Ingliżi, tifħir ukoll ġie min-naħa tal-players Maltin għall-preparazzjonijiet li saru għal din il-logħba. Ta' min isemmi li fil-ġurnata tal-logħba, nhar il-Ħadd, 13 ta' Novembru, il-players Maltin flimkien mal-coach Ray Cosby u l-masseur iltaqgħu l-Marsa Sports Club, li ġie ġentilment misluf mill-Management, sabiex hemmhekk jingħataw l-aħħar struzzjonijiet għall-logħba kif ukoll jieklu flimkien.

Wara l-logħba, l-players Maltin, Ingliżi u uffiċjali taż-żewġ timijiet ingħataw pranzu mill-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport fil-Marquis Room tad-Dragonara Casino fejn f'din l-okkażjoni unika il-players setgħu isiru jafu aktar lil xulxin.

# Football għal Kulħadd

Nhar is-Sibt 29 ta' Ottubru fis-Sala tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport ġewwa l-Marsa saret laqgħa għall-uffiċjali, delegati u players tat-timijiet li kienu sejrin jeħdu sehem fil-Kompetizzjoni tal-football ta' l-Under 16 organizzat mill-istess Ministeru.

F'din il-laqgħa li kienet importanti ħafna tkellem iċ-Chairman tal-Kumitat Organizzattiv is-Sur Joe Griffiths fejn fost affarijiet oħra semma li din il-kompetizzjoni hi l-ewwel waħda ta' taħt is-sittax-il sena fuq skala nazzjonali. Kien hemm kompetizzjonijiet oħra organizzati wara l-gwerra mill-Anglo-Maltese League għalkemm mhux fuq

l-istess kobor. Minn dawn il-kompetizzjonijiet ħareġ team li għadu jissemma sal-ġurnata tal-lum — l-Ajax.

"Dawn it-tfal huma bħal pjanta li għadha kemm nibtet. Trid il-kura kmieni sabiex titla soda u dritta. Il-Ministeru ta' l-Isport dan jifmhu u għalhekk qiegħed jieħu ħsieb biex lil dawn it-tfal itihom it-tagħlim meħtieġ kmieni kemm jista' jkun.

Għal dan il-għan sejra titwaqqaf skema ta' tagħlim u ta' għajnuna teknika minn settur Tekniku magħmul minn nies imħarrġa fit-tagħlim. Dawn in-nies sejrin jiġu magħżula wara kors mill-famuż **coach** Hellenio Herrera.

Din l-iskema tiġbor fiha tagħlim fuq ska'a nazzjonali b'**coaches** li jiġu assenjati grounds f'diversi distretti biex igħallmu lit-tfal.

**Għalkemm skema bħal din tinvolvi ħafna spejjeż, il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, is-Sur Lorry Sant, huwa determinat li din hi t-triq li għandu jgħaddi minnha il-footballer tal-ġejjieni.** It-tfal min-naħa tagħhom iridu jagħmlu l-parti tagħhom u dan it-tagħlim jieħduh bis-serjetà u bid-dixxiplina. Iridu jwaħħlu f'moħħhom li għalkemm hi ħaġa sabiħa li tirbaħ trid titgħallem ukoll titlef.

Is-Sur Griffiths temm id-diskors tiegħu hekk:— "Jiena kelli ħafna esperjenza fuq dan — akkwistajt l-aqwa riżultati meta l-players tiegħi tgħallmu kif jitilfu qabel ma bdew jirbħu, għaliex mit-telf titgħallem tirbaħ".

Wara ndirizza l-laqgħa l-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, is-Sur Lorry Sant. Fid-diskors tiegħu il-Ministru appella għall-kooperazzjoni ta' kulħadd sabiex din il-kompetizzjoni tkun suċċess. Hu appella wkoll lill-kompetituri sabiex jilgħabu b'senes ta' ħbiberija u bi spirtu sportiv.

**Is-Sur Sant ħabbar li għar-rebbieħa ta' din il-kompetizzjoni hemm premijiet sbieħ u fil-fatt qegħdin isiru attentati sabiex ir-rebbieħa jintbagħtu safra barra minn Malta. Huwa qal li l-logħob ta' l-Under 16 sejjer isir fuq it-turf il-Marsa. Fakkar ukoll li l-gvern qiegħed iżid il-faċilitajiet sportivi f'Malta u ħeġġeġ lil dawk li huma interessati biex imorru jaraw ix-xogħol li qiegħed isir fuq li Stadium il-ġdid ġewwa Ta' Qali.**

Fl-aħħarnett il-Ministru Sant appella lil dawn iż-żagħżagħ biex jittrenjaw ħalli jattiraw l-ispettaturi bil-logħob tagħhom u biex fuq kollox jilgħabu bl-onesta.

Sadanittant bl-inizjattiva tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport, qiegħda tiġi mlaqqa' skwadra biex tittrenja regolarment kull nhar ta' Erbgħa taħt il-coach tal-Ministeru, is-Sur Raymond Cosby. L-iskwadra hi magħmula minn players li qegħdin jieħdu sehem fil-kompetizzjoni "Football Għal Kulħadd" organizzata mill-istess Ministeru.

# KORS TAR-REFEREES



*Is-Sur Joe Griffiths (it-tieni mill-lemin) jitkellem fil-konferenza ta' l-aħbarijiet.*

L-Ex-President tal-FIFA **Sir Stanley Rous** dan ix-xahar ġie hawn Malta fuq stedina tal-**Ministru ta' li Sports is-Sur Lorry Sant.**

Sir Stanley wasal it-Tnejn 12 ta' Diċembru sabiex jinawgura l-**Kors tar-Referees** organizzat mill-Ministeru ta' li Sports.

Dan kollu kien tħabbar mis-Sur Joe Griffiths, Chairman tal-kumitat "Sports għal Kulħadd" waqt konferenza ta' l-aħbarijiet.

F'din il-Konferenza tkellem ukoll is-Sur Tony Briguglio li ġie inkarigat mill-Gvern biex imexxi l-kors tar-referees. Is-Sur Tony Briguglio, li huwa referee ta' l-ewwel klassi u referee Internazzjonali qal li għalkemm il-kors se jkun inawgurat fit-12 ta' Diċembru minn Sir Stanley Rous fil-Kastell Verdala, il-kors proprju jibda fl-ewwel ġranet ta' Jannar.

Is-Sur Briguglio qal li n-numru ta' referees prospettivi li applikaw huwa inkoraġġanti ferm. Il-kors se jkun immexxi minn ħames lecturers Maltin, tlieta fuq il-Laws of the Game u tnejn oħra fuq il-Mediċina fl-Isports u fuq il-Kundizzjoni fiżika.

Wara r-referees isirilhom eżami minn eżaminaturi Maltin u barranin u dawk li jgħaddu jiġu mogħtija ċertifikat rikonoxxut mill-Gvern.

Fil-Konferenza tkellem ukoll Major Clews, viċi Chairman tal-Kumitat, li fost affarijiet oħra qara ittra ta' ringrazzjament mibgħuta lill-Ministru ta' li Sports minn Coventry City.

# KULTURA...

## Programmi Mużikali għall-Ħaddiema



*Is-Surmast Joseph Sammut mexxa l-orkestra tat-Teatru Manoel waqt il-programm mużikali fil-fabbrika Thomas De La Rue.*

L-Orkestra tat-Teatru Manoel immexxija mis-Surmast Joseph Sammut, il-Ħamis, 17 ta' Novembru tat programm mużikali għall-ħaddiema tal-fabbrika **Thomas De La Rue** fil-qasam industrijali ta' Bulebel.

Dan il-programm mużikali huwa parti minn sensiela ta' programmi kulturali għall-poplu li qed jiġu organizzati **mill-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, fuq inizjattiva tal-Ministru Agatha Barbara,** bil-għan li l-ħaddiema jkollhom iċ-ċans japprezzaw l-arti mużikali fuq il-post tax-xogħol tagħhom stess.

## Kunċert ta' l-Orgni

Il-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, f'kollaborazzjoni mal-Kapitlu tal-Kattidrall ippreżenta Kunċert ta' l-Orgni fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann nhar l-Erbgħa, 23 ta' Novembru. Il-Kunċert, ingħata mir-Rev. C. Scerri u kien jikkonsisti f'xogħlijiet ta' Green, Franck u Bach.

Il-Chorus Melitensis, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Sammut, ħa sehem ukoll b'xogħlijiet ta' Pace, Palestrina u Verdi.

## Materjal Fotografiku mill-Ambaxxata Ġermaniża lill-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra f'Sant' Iermu

Iċ-Charge' d'Affaires ta' l-Ambaxxata tar-Repubblika Federali Ġermaniża Herr Axel Schwirtz dan l-aħħar ippreżenta sett ritratti u mapep dwar operazzjonijiet ta' l-Air Force Nażista kontra Malta fl-aħħar Gwerra lill-Għaqda għal Mużew Nazzjonali tal-Gwerra.

Il-President ta' l-Għaqda, l-Brigadier A. Samut-Tagliaferro irċieva l-għotja f'isem l-Għaqda u rringrazzja lill-Ambaxxata.

Preżenti kien hemm is-Segretarju ta' l-Għaqda s-Sur Philip Vella, Patri M. Zerafa, Direttur tal-Mużew ta' l-Arti u membru tal-kumitat ta' l-Għaqda u s-Sinjuri M. Falzon, F. Galea u R. Mifsud, membri tal-kumitat.

Ir-ritratti u l-kopji tal-mapep se jkunu jiffurmaw parti mill-arkivji li qed tibni l-Għaqda.

# Preżentazzjoni ta' Kopja ta' Film lill-Ministru A. Barbara



Is-Sur John C. McKenzie li kien responsabbli għall-produzzjoni tal-Commonwealth Folk Festival li ġie organizzat hawn Malta madwar sentejn ilu fl-okkażjoni tal-ftuħ taċ-Ċentru Kulturali, il-Furjana, dan l-aħħar ippreżenta kopja tal-film "Folk Invasion" li kien inġibed hawn Malta waqt dan il-Festival, lill-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, l-Onor. Agatha Barbara.

Dan il-Folk Festival kien sar għall-ewwel darba hawn Malta, bis-saħħa ta' kuntatti ma' barra li għamlet il-Ministru Barbara meta kienet Ministru ta' l-Edukazzjoni.

Il-Ministru Barbara u s-Sur John C. McKenzie iddiskutew aktar pjanijiet għall-futur dwar attivitajiet kulturali mal-pajjiżi tal-Commonwealth.

Waqt l-laqgħa, is-Sur McKenzie ħabbar illi bħala riżultat tas-suċċess li ħareġ mill-Commonwealth Folk Festival li sar f'Malta, twaqqfet il-Commonwealth Arts Association. Huwa ħabbar ukoll li bis-saħħa ta' dan is-suċċess se jiġi organizzat ukoll il-Commonwealth Cultural Festival li għandu jiġi mwaqqaf matul il-Commonwealth Games li se jsiru fil-Kanada għas-sajf li ġej.

Il-film "Folk Invasion" li għandu produzzjoni ta' Mario Philip Azzopardi ġie muri aktar tard fuq Television Malta.

---

# Kompetizzjoni tal-Presepji

Il-Kumitat Festi Nazzjonali bħal snin oħra qed iniedi kompetizzjoni għall-Presepji f'Malta u oħra f'Għawdex.

Il-premjijiet għal Malta huma:
L-ewwel — £M50; It-tieni — £M25.
Il-premjijiet għal Għawdex huma:
L-ewwel — £M30; It-tieni — £M15.

Il-Presepji li jieħdu sehem f'dawn il-kompetizzjonijiet iridu jkunu miftuħa għall-pubbliku mis-Sibt, 17 ta' Diċembru, 1977 sal-Ħadd 1 ta' Jannar, kuljum.

L-applikazzjonijiet għal din il-kompetizzjo-ni għandhom jintbagħtu sa nhar l-Erbgħa, 14 ta' Diċembru f'dan l-indirizz:

Is-Sur John Bezzina,
Segretarju Festi Nazzjonali, ... ...
c/o Berġa T'Aragona,
il-Belt.

---

# Kultura għall-Poplu

Fis-sensiela ta' programmi ta' Kultura għall-Poplu, il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura organizza programm kulturali fis-sala ta' l-iskola sekondarja ta' Ħal Tarxien nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Novembru.

F'dan il-programm l-Orkestra tat-Teatru Manoel esegwiet xogħol magħruf ta' S. Prokofief 'Pietru u l-Lupu'. Din hija ħrafa mużikata u r-rakkont ġie maqlub għall-Malti minn Charles Arrigo.

L-Orkestra daqqet ukoll it-tema mir-rock opera 'Evita' u fantasia għall-orkestra fuq mużika folk Maltija tas-surmast Pace bl-isem, 'Maltesina'.

Flimkien ma' l-Orkestra ħadu sehem ukoll Mary Rose Mallia, Marija Camilleri, Frank Ghio, Charles Arrigo u ż-żeffiena Zefat.

---

# Artisti Maltin Jieħdu Sehem f'Wirja Internazzjonali ta' Pittura

Erba' artisti Maltin għadhom kemm ħadu sehem f'wirja internazzjonali ta' Pittura ta' Żmienna li saret fit-Town Hall ta' Copenhagen, id-Danimarka, fl-okkażjoni ta' Jum il-Ġnus Magħquda. Dan sar permezz ta' kuntatti li l-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura għamel mal-Konfederazzjoni ta' l-Għaqdiet Kulturali Barranin tad-Danimarka.

L-erba' xogħlijiet ta' pittura li huma
"San Ġiljan" ta' Antoine Camilleri
"Man Unchanged" ta' Luciano Micallef
"Abstract" ta' Raymond Pitre
"Contours" ta' Frank Portelli
ġew magħżula minn fost tlettax-il biċċa xogħol li ġew preżentati minn artisti Maltin sabiex jieħdu sehem f'din l-Esebizzjoni.

# SANTA LUCIA



*F'Santa Lucia il-Gvern ħa ħsieb jagħmel faċilitajiet għall-isports li jinkludi: Ground tal-Football, Court tat-Tennis, pitch tal-Basket Ball u waħda għall-logħob tal-Boċċi.*

L-AMMINISTRAZZJONI ta' l-1955-58 kienet ippjanat villaġġ ġdid bl-isem ta' Tarxien Community. Ingħata dan l-isem għaliex dan il-proġett kien ippjanat li jsir fuq ir-riħ ta' Ħal Tarxien. Dan il-villaġġ kien ippjanat f'żewġ fażijiet — N'Hood I u N'Hood II. L-ewwel fażi inbniet viċin il-villaġġ ta' Ħal Tarxien u l-fażi l-oħra fuq in-naħa ta' Ħal Luqa.

L-idea ta' dan il-proġett kienet li għall-ewwel darba f'Malta jinbena qasam tad-djar ġdid — belt żgħira kompletament ġdida fuq pjanta moderna u attrezzata b'dak kollu meħtieġ għall-għixien ta' komunità. Minħabba l-iżvilupp kbir u l-popolazzjoni dejjem tiżdied, dan il-villaġġ ġie separat minn Ħal Tarxien u sar parroċċa għalih bl-isem ta' Santa Lucia. Minn dak iż-żmien 'il hawn sar żvilupp kbir u llum fl-1977 dan il-proġett wasal biex jiġi mitmum.

*Bini ta' Clubs.*



Fuq iż-żewġ fażijiet ta' dan il-proġett inbnew numru kbir ta' flats u djar kif ukoll ingħataw diversi biċċiet ta' art b'ċens baxx taħt l-iskema tal-Home Ownership. L-ippjanar sar b'attenzjoni kbira bit-toroq ippjanati wesgħin. F'dawn l-aħħar sentejn, it-toroq kollha ta' Santa Lucia kienu ġew miksija bit-tarmak. Il-blokki tal-flats inbnew maqtugħin minn xulxin u mdawwra bil-ħamrija biex jinżergħu siġar u fjuri biex dejjem jinżamm ambjent sabiħ. Anke d-djar kollha nbnew bil-'front garden' minbarra kumditajiet oħra.

Minn dejjem kien il-ħsieb li Santa Lucia tkun belt moderna bil-faċilitajiet kollha possibbli. Għal dan il-għan f'dawn l-aħħar sitt snin saru diversi xogħlijiet intiżi biex jinħolqu postijiet ta' rikreazzjoni għall-abitanti tal-post.

Inbena ground tal-football mill-ġdid. Qabel inbena dan il-ground tneħħiet il-ħamrija kollha li kien hemm taħt il-ground il-qadim. Inbnew ukoll id-dressing rooms u kamra għall-Kumitat. Illum dan il-ground qed jintuża għal diversi logħob kompetitiv fosthom il-league tal-football organizzat mill-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport, "Football għal Kulħadd". Inbniet ukoll pitch tal-boċċi mgħammra b'kollox inkluż kamra għall-Kumitat.




*Ċentru għall-ħwienet — b'kapaċità għal 16-il ħanut modern.*

Biex jintlaħqu il-gosti ta' kulħadd inbnew ukoll tennis court u basketball pitch; faċilitajiet li jagħtu opportunità lit-tfal u ż-żgħar ta' dan il-lokal iċ-ċans kollu li jieħdu sehem f'attivitajiet sportivi u fl-istess ħin jirrikrejaw irwieħhom. Anke l-playing field inbniet mill-ġdid u tqiegħdet viċin dan il-kumpless ta' rikreazzjoni.

Ta' vantaġġ kbir għar-residenti ta' Santa Lucia, huwa ċ-ċentru ta' ħwienet li nbnew fil-bidu ta' N'Hood 2, shopping centre li jiġi bejn iż-żewġ fażijiet ta' Santa Lucia.

Fl-istess inħawi inbniet għassa tal-pulizija ġdida. Kien ilu jinħass li l-għassa tal-pulizija l-qadima ma kienitx adegwata għal belt li kienet dejjem qed tikber. Għalhekk il-Gvern ħaseb biex jibni għassa ġdida li tkun tista' taqdi l-ħtiġijiet ta' Santa Lucia kollha.

Bħalissa l-Ministeru tax-Xogħlijiet flimkien mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura mexjin fuq l-aħħar fażi tal-proġett, dik li jagħtu dehra isbaħ u mħaddra għall-ambjent f'Santa Lucia. Qegħdin jinżergħu mijiet ta' siġar mat-toroq kollha ta' Santa Lucia. Barra minn dan inbena ġnien kbir li jiġi fuq in-naħa ta' Luqa By-pass. Dan il-ġnien qiegħed taħt il-ħarsien tal-membri tal-Korp "Iżra u Rabbi". Dan il-ġnien se jkun ta' żvog kbir għar-residenti ta' dan il-post.

Fuq l-inħawi li jgħidulu 'tagħtigħa' sar ġibjun li jesa' nofs miljun gallun ilma biex jgħin lill-gabillotti ta' dawk l-inħawi għas-saqwi. Il-ħtieġa ta' dan il-ġibjun kienet ilha tinħass minbarra li kien qed jinħela kwantità kbira ta' ilma li kien jgħaddi minn dan il-wied.

Meta beda l-bini ta' din il-belt żagħżugħa ftit kienu dawk li wrew il-ħajra li jmorru joqogħdu hemm minħabba li kien lokal ġdid għal kollox u mibni f'inħawi mwarrba. Illum wara dan ix-xogħol kollu li sar u bil-mod modern li ġiet mibnija Santa Lucia il-folja nqalbet u kull darba li l-Gvern ħareġ sejħa għall-kiri ta' postijiet f'dan il-post modern kienu japplikaw eluf. Dan jagħti raġun lill-Gvern meta fl-1955-58 ta bidu għall-Santa Lucia.

*Għassa tal-Pulizija moderna.*





*DEHRA MILL-AJRU TA' SANTA LUCIA*

IPPUBBLIKAT MID-DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI — STAMPAT FL-U.Ċ.S. — STAMPERIJA TAL-GVERN